

Dr. Sandra Scicluna



Dr. Jacqueline Azzopardi

# L-Istitut ta' l-Istudji Forensiċi fl-Universita' ta' Malta

L'Istitut ta' l-Istudji Forensiċi ġie imwaqqaf fl-1993 bil-ħsieb li jservi ta' ċentru ta' konsulenza u taħriġ fil-qasam tal-ġustizzja kriminali f'Malta u Għawdex. L-idea kienet, li dan l-istitut iservi ta' xprun għall-għaqdiet governattivi kif ukoll privati li jaħdmu f'dan il-qasam. L-istitut iwettaq dan l-irwol billi jipprovdi esperti fil-forensika u fil-kriminoloġija. Mit-tnissil ta' dan l-istitut, il-membri tiegħu ħadmu bla heda biex jitjiebu s-servizzi li jingħataw mill-aġenziji li jaħdmu, fost oħrajn, kontra: l-kriminalita', d-delinkwenza, l-abbuż tad-droga u l-vjolenza domestika. Għalhekk, l-istitut jaħdem qrib organizzazzjonijiet soċjali li jaħdmu ma' dawk li wettqu l'abbużi kif ukoll mal-vittmi, mas-servizzi korrettivi u, b'mod speċjali mal-Korp tal-Pulizija.

L-Istitut iservi ukoll bħala ċentru ta' taħriġ fl-istudji forensiċi. B'mod speċjali jħarreġ l-uffiċjali tal-Probation billi joffri sena taħriġ, lil dawk interessati - basta jkunu iggradwaw f'xi suġġett li jaqa' taħt il-"human studies" bħal, per eżempju: il-psikoloġija, is-soċjoloġija u l-edukazzjoni. Dan it-taħriġ iwassal biex min isegwi dan il-kors ikun imħarreġ għall-impjieg mad-dipartiment tas-servizzi korrettivi, bħala uffiċjal tal-Probation. L-uffiċjal tal-Probation jaħdem kemm fil-qasam tal-komunita', billi jgħin nies li instabu ħatja ta' reati jirrifurmaw, kif ukoll fil-qasam tal-ħabs billi iħejji lill-ħabsin għall-ħajja fil-liberta'. L'Istitut ta' l-Istudji Forensiċi jipprovdi ukoll taħriġ ta' in service training lill-uffiċjali tal-Probation.

Rwol ieħor importanti li għandu l-istitut huwa dak li jħarreġ l-ispetturi tal-Pulizija. F'dan ir-rwol l-istitut jaħdem fil-qrib, kemm ma' l-Akkademja tal-Pulizija kif ukoll mal-Korp tal-Pulizija. L-istitut jieħu ħsieb il-parti teoretika, waqt li l-akkademja għanda il-kompitu li tħarreġ il-kadetti f'dak li għandu x'jaqsam mal-lat pratiku.

Fl-universita` jiġi ofrut ukoll (permess tal-istitut), Baċellerat fil-Kriminoloġija. Studenti ta' dan il-kors jistudjaw temi varji: aspetti soċjoloġiċi, reati ta' vjolenza (fosthom dik domestika), il-ġustizija kriminali komparattiva, id-delinkwenza, id-droga, il-Pulizija u l-ħabs. Għal dan il-kors jattendu nies minn bosta oqsma tas-soċjeta` iżda dan il-kors jiġi segwit speċjalment mill-Pulizija. Dan jgħinhom jiżviluippaw aktar tagħrif dwar il-kriminali, il-kriminalita` u il-ġustizzja.

L-Istitut ta' l-Istudiji Forensiċi ġieli jkun imqabbad biex jipprovdi taħriġ għan-nies li jaħdmu fil-qasam soċjali. Fil-passat ġie offrut kors fuq 'cognitive interviewing' lil xi membri tal-Korp tal-Pulizija. L-iżjed korsijiet qosra li ġew offruti kienu għall-persuni li jaħdmu fil-qasam tad-droga. Permezz tal-kuntatti nternazzjonali li għandu l-Istitut, ġew ukoll offruti seminars u korsijiet qosra fuq il-vjolenza domestica, id-droga, ir-'risk assessment', il-vjolenza u il-problemi mentali tan-nies li jikkommettu reati. Qed jiġi organizzat ukoll kors qasir li sejjer jingħata minn professur Ungeriż. Dan il-kors (miftugħ għal kulħadd) jitratta fuq kif il-ħabs jifforma u jbiddel l-aġir tal-bniedem.

Rwol ieħor li għandu l-Istitut ta' l-Istudiji Forensiċi huwa dak ta' konsulenza lill-Gvern fuq affarijiet li għandhom x'jaqsmu mal-ġustizzja. B'hekk rappreżentanti ta' l-Istitut qegħdin sew fuq il-Bord ta' l-Akkademja tal-Pulizija kif ukoll fuq il-Bord ta' l-Appelli tad-Dixxiplina għall-priġunieri ġewwa il-ħabs. Għal xi żmien, l-Istitut kien ukoll rappreżentat fuq Bord Internazzjonali tal-Probation fejn saru ħafna kuntatti siewja.

L-Istitut ta' l-Istudiji Forensiċi għandu wkoll rwol ta' riċerka. Fost studji oħra, l-Istitut mexxa riċerka kbira fuq skala nazzjonali, ikkummissjonata mill-UNICRI (United Nations Interregional Crime and Justice Research Institute). Din kienet il-'Maltese Crime Victimization Survey'. Din ir-riċerka saret fuq kampjun ta' 1000 familja. L-Istitut kellu r-rwol li jħarreġ l-10 intervistaturi u jikkordina ir-riċerka. Żewġ riċerki oħra li saru kienu: waħda fuq il-kultura tal-Pulizija u l-oħra fuq il-bidla fit-trattament tal-ħabsin. Fir-riċerka fuq il-Pulizija ġew imqassma kwestjonarji lill-terz tal-membri tal-Korp tal-Pulizija. B'riżultat ta' din ir-riċerka, kien possibli li jinħareġ profil tal-kultura tal-Pulizija. Ir-riċerka tal-ħabs saret mill-arkivju tal-ħabs fejn ġew individwati l-elementi ta' rijabilitazzjoni u kif dawn tbidlu matul iż-żmien. Fil-preżent, l-Istitut qed jagħmel riċerka dwar is-servizzi tal-vjolenza domestika f'Malta u fi Trapani (ġewwa Sqallija). Huwa maħsub li din ir-riċerka tkun waħda minn sensiela ta' azzjoni biex jgħinu il-vittmi ta' din il-vjolenza hekk kerha.

Fi ħdan l-Istitut tal-Istudji Forensiċi jaħdmu żewġ kriminoloġi u segretarja fuq bażi 'fulltime' iżda hemm numru ta' esperti oħra li jgħatu l-għajnuna tagħhom - li hi tant meħtieġa għall-Istitut, kemm fit-tagħlim kif ukoll fil-kamp tar-riċerka jew konsultazzjoni. Il-bieb tal-Istitut huwa dejjem miftuħ kemm għall-akkademiċi kif ukoll għall-istudenti tagħna. Nieħdu ferm pjaċir meta ikollna xi żjara mingħand xi ex-student tagħna! F'dawn il-ħdax-il sena li ilu mwaqqaf l-Istitut tagħna ppreparajna numru sabiħ ta' uffiċċjali tal-Probation, fuq medda ta' 10 korsijiet, kif ukoll għamilna tlett korsijiet għall-Ispetturi tal-Pulizija, filwaqt li ftaħna żewġ korsijiet tal-Baċellerat fil-Kriminoloġija. Stabbilixxejna kuntatti siewja internazzjonali fost oħrajn ma' l-Ingilterra, ma' l-Ungerija, ma' l-Italja u mas-Seychelles. L-għan tagħna huwa li fil-futur inkomplu nkattru din ix-xibka ta' kollaborazzjoni għall-ġid tal-Istitut, tal-imsieħba tiegħu, tal-membri ta' l-istaff u ta' l-istudenti tagħna.

Min jixtieq ikollu iktar informazzjoni jista' iċempel fuq in-numru 2340 2042 fil-ħinijiet ta' l-uffiċċju.